

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/881****tat-23 ta' Mejju 2017**

**li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar, fir-rigward tal-modalitajiet u l-istruttura tar-rapporti ta' kwalità u l-format tekniku għat-trażmissjoni tad-dejta, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1151/2010**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) u 6(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 763/2008 jistabbilixxi regoli komuni għall-provvista deċennali tad-dejta komprensiva dwar il-popolazzjoni u d-djar.
- (2) Skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/712 <sup>(2)</sup>, iċ-ċensiment li jmiss tal-popolazzjoni u tad-djar għandu jirrigwarda s-sena ta' referenza 2021.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1151/2010 <sup>(3)</sup> stabbilixxa l-modalitajiet u l-istruttura tar-rapporti tal-kwalità u l-format tekniku għat-trażmissjoni tad-dejta dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar għas-sena ta' referenza 2011.
- (4) Għall-finijiet taċ-ċensiment li jmiss tal-popolazzjoni u tad-djar tal-2021, u sabiex tiġi vvalutata l-kwalità tad-dejta trażmessa lill-Kummissjoni (il-Eurostat), huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti modalitajiet ġodda u struttura ġdida għar-rapporti tal-kwalità u l-format tekniku għat-trażmissjoni tad-dejta.
- (5) Skont l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (KE) Nru 763/2008, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-dejta u l-metadejta vvalidati b'mod elettroniku, b'format tekniku xieraq li għandha tadotta l-Kummissjoni. L-inizjattiva tal-Iskambju tad-Dejta u l-Metadejta Statistiċi (SDMX) dwar l-istandards statistiċi u tekniċi għall-iskambju u l-kondiviżjoni tad-dejta u l-metadejta, li fuqha hija bbażata l-pjattaforma taċ-ċensiment ("Census Hub"), tnediet mill-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kummissjoni (Eurostat), il-Fond Monetarju Internazzjonali, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), in-Nazzjonijiet Uniti u l-Bank Dinji. Għall-iskambju tal-istatistiki uffiċjali, l-inizjattiva SDMX u l-pjattaforma taċ-ċensiment ("Census Hub") jipprovdu standards statistiċi, tekniċi u tat-trażmissjoni. Għaldaqstant għandu jiddaħħal format tekniku b'konformità ma' dawk l-istandards.
- (6) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2010 jeżiġi li l-Istati Membri jaħżnu d-dejta taċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tad-djar għas-sena ta' referenza 2011 sal-1 ta' Jannar 2025. Sabiex l-utenti jkunu jistgħu jagħmlu paraguni bejn iż-żewġ ċensimenti, id-dejta taċ-ċensiment tal-2011 għandha tkun disponibbli sal-1 ta' Jannar 2035 b'mod parallel mad-dejta tal-2021.
- (7) Għaldaqstant ir-Regolament (UE) Nru 1151/2010 għandu jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

<sup>(1)</sup> ĠUL 218, 13.8.2008, p. 14.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/712 tal-20 ta' April 2017 li jistabbilixxi s-sena ta' referenza u l-programm tad-data statistika u tal-metadati għaċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar previst bir-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 105, 21.4.2017, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1151/2010 tat-8 ta' Diċembru 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar, fir-rigward tal-modalitajiet u l-istruttura tar-rapporti ta' kwalità u l-format tekniku għat-trażmissjoni tad-dejta (ĠUL 324, 9.12.2010, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

#### Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistipula l-modalitajiet u l-istruttura tar-rapporti tal-Istati Membri dwar il-kwalità tad-dejta li huma jittrażmettu lill-Kummissjoni (il-Eurostat) miċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar tagħhom għas-sena ta' referenza 2021, u l-format tekniku għat-trażmissjoni tad-dejta.

### Artikolu 2

#### Id-definizzjonijiet

Id-definizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 763/2008, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/543 <sup>(1)</sup> u fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/712 għandhom japplikaw għall-fini ta' dan ir-Regolament.

Għandhom japplikaw ukoll dawn id-definizzjonijiet:

1. "unità statistika" tfisser l-unità ta' osservazzjoni bażika, jiġifieri persuna fiżika, unità domestika, familja, post tal-għajxien, jew akkomodazzjoni konvenzjonali;
2. "enumerazzjoni individwali" tfisser il-ġbir tal-informazzjoni fuq kull unità statistika sabiex il-karatteristiċi tagħha jkunu jistgħu jiġu rreġistrati separatament kif ukoll ikunu soġġetti għal klassifikazzjoni inkroċjata ma' karatteristiċi oħra;
3. "simultanjetà" tfisser li l-informazzjoni miġsuba f'ċensiment jirreferi għall-istess waqt (data ta' referenza);
4. "universalità fi ħdan territorju definit" tfisser li d-dejta tkun provduta għall-unitajiet statistiċi kollha fi ħdan territorju definit b'mod preċiż. Meta l-unitajiet statistiċi jkunu persuni, "universalità fi ħdan territorju definit" tfisser li d-dejta tkun provduta abbażi ta' informazzjoni għall-persuni kollha li għandhom r-residenza abitwali tagħhom fit-territorju definit (popolazzjoni totali);
5. "disponibbiltà tad-dejta għal żona żgħira" tfisser id-disponibbiltà tad-dejta għal żoni ġeografiċi żgħar u għal gruppi żgħar ta' unitajiet statistiċi;
6. "perjodiċità definita" tfisser it-twettiq regolari ta' ċensimenti fil-bidu ta' kull deċennju, inkluża l-kontinwità tar-reġistri;
7. "sors tad-dejta" tfisser is-sett ta' rekords tad-dejta għall-unitajiet statistiċi u/jew avvenimenti relatati mal-unitajiet statistiċi li jiffurma bażi għall-produzzjoni tad-dejta taċ-ċensiment dwar suġġett speċifiku jew iktar għal popolazzjoni fil-mira speċifikata;
8. "popolazzjoni fil-mira" tfisser is-sett ta' unitajiet statistiċi f'żona ġeografika definita fid-data ta' referenza li jikkwalifikaw għar-rappurtar ta' suġġett speċifiku jew iktar. Tinkludi għal darba biss kull unità statistika valida;
9. "stima tal-popolazzjoni fil-mira" tfisser l-aqwa approssimazzjoni disponibbli tal-popolazzjoni fil-mira. Tikkonsisti mill-popolazzjoni fiċ-ċensiment biż-żieda tas-sottokopertura u bis-soprakopertura mnaqqsa;
10. "popolazzjoni fiċ-ċensiment" tfisser is-sett ta' unitajiet statistiċi li jkun rappreżentat fattwalment mir-riżultati taċ-ċensiment dwar wieħed mis-suġġetti speċifikati jew iktar għal popolazzjoni fil-mira speċifikata. Ir-rekords tad-dejta għall-popolazzjoni fiċ-ċensiment huma dwak fis-sors tad-dejta għall-popolazzjoni fil-mira speċifikata, inklużi r-rekords imputati kollha u esklużi r-rekords imħassra kollha. Jekk sors tad-dejta jinkludi, bħala kwistjoni ta' prinċipju metodoloġiku, rekords tad-dejta għal kampjun biss tal-unitajiet statistiċi fl-istima tal-popolazzjoni fil-mira, il-popolazzjoni taċ-ċensiment tinkludi s-sett komplementari ta' unitajiet statistiċi, flimkien mal-unitajiet statistiċi fil-kampjun;
11. "sett komplementari ta' unitajiet statistiċi" tfisser is-sett ta' dawk l-unitajiet statistiċi li jappartjenu għal stima ta' popolazzjoni fil-mira, imma li fir-rigward tagħhom, bħala riżultat tal-metodoloġija applikata tal-kampjunar, is-sors tad-dejta ma fih l-ebda rekord tad-dejta;

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/543 tat-22 ta' Marzu 2017 li jstabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-suġġetti u tal-kategorizzazzjonijiet tagħhom (ĠU L 78, 23.3.2017, p. 13).

12. “valutazzjoni tal-kopertura” tfisser studju tad-differenza bejn popolazzjoni fil-mira speċifikata u l-popolazzjoni tagħha fiċ-ċensiment;
13. “stħarriġ ta’ wara l-enumerazzjoni” tfisser stħarriġ li sar f’it wara l-enumerazzjoni għall-finijiet ta’ valutazzjoni tal-kopertura u tal-kontenut;
14. “sottokopertura” tfisser is-sett tal-unitajiet statistiċi kollha li jappartjenu għal popolazzjoni fil-mira speċifikata, imma li mhumiex inklużi fil-popolazzjoni korrispondenti taċ-ċensiment;
15. “soprakopertura” tfisser is-sett tal-unitajiet statistiċi kollha li jkunu inklużi f’popolazzjoni f’ċensiment użat biex jirrapporta dwar popolazzjoni fil-mira speċifikata, mingħajr ma jkun jappartjeni għal dik il-popolazzjoni fil-mira;
16. “imputazzjoni tar-rekord” tfisser l-assenjazzjoni ta’ rekord tad-dejta artifiċjali imma plawżibbli għal eżattament żona ġeografika waħda fl-iktar livell ġeografiku dettaljat li għalih ġiet prodotta dejta għaċ-ċensiment, u l-imputazzjoni ta’ dak ir-rekord tad-dejta f’sors tad-dejta;
17. “tħassir ta’ rekord” tfisser l-att ta’ tħassir jew li jiġi injorat/ma jitqiesx rekord tad-dejta li jkun inkluż f’sors tad-dejta użat biex jirrapporta dwar popolazzjoni fil-mira speċifikata, imma ma jirrapporta l-ebda informazzjoni valida dwar xi unità statistika fi ħdan il-popolazzjoni fil-mira;
18. “imputazzjoni ta’ partita” tfisser l-inseriment ta’ valur artifiċjali imma plawżibbli dwar suġġett speċifiku f’rekord tad-dejta li jkun jeżisti diġà f’sors tad-dejta imma ma jkunx fih dan il-valur jew fih valur li huwa kkunsidrat bħala implawżibbli;
19. “dejta bbażata fuq il-kwestjonarji” tfisser dejta li tkun inkisbet oriġinalment minn min iwieġeb kwestjonarju fil-kontest ta’ għbir ta’ dejta statistika li tirreferi għal waqt speċifiku;
20. “tagħqid ta’ rekords” tfisser il-proċess ta’ fużjoni ta’ informazzjoni minn sorsi tad-dejta differenti permezz tat-tqabbil tar-rekords għall-unitajiet statistiċi individwali u l-fużjoni ta’ informazzjoni li tirreferi għall-istess unità statistika;
21. “identifikatur uniku” tfisser element varjabbli jew sett ta’ elementi varjabbli fir-rekords tad-dejta f’sors tad-dejta jew kwalunkwe lista ta’ unitajiet statistiċi li tintuża
  - biex jiġi vverifikat li s-sors tad-dejta (jew lista ta’ unitajiet statistiċi) jinkludi mhux iktar minn rekord tad-dejta wieħed għal kull unità statistika, u/jew
  - għal tagħqid ta’ rekords;
22. “reġistru” tfisser repożitorju tal-informazzjoni dwar l-unitajiet statistiċi li jkun aġġornat direttament tul l-avvenimenti li jaffettwaw l-unitajiet statistiċi;
23. “dejta bbażata fuq ir-reġistri” tfisser dejta li tkun ġor-reġistri jew meħuda minnhom;
24. “tqabbil ta’ reġistri” tfisser tagħqid ta’ rekords fejn is-sorsi tad-dejta mqabbla kollha jinżammu f’reġistri;
25. “estrazzjoni tad-dejta” tfisser il-proċess biex tinkiseb informazzjoni għaċ-ċensiment minn informazzjoni miżmuma f’reġistru u relatata ma’ unitajiet statistiċi individwali;
26. “kodifikazzjoni” tfisser il-proċess biex l-informazzjoni tinqaleb f’kodiċijiet li jirrappreżentaw il-klassijiet fi ħdan skema ta’ klassifikazzjoni;
27. “qbid” tfisser il-proċess li bih id-dejta miġbura tiġi importata f’forma xierqa għal proċessar ulterjuri;
28. “editjar tar-rekord” tfisser il-proċess ta’ kontroll u modifika tar-rekords tad-dejta biex isiru plawżibbli filwaqt li jiġu ppreservati partijiet ewlenin tagħhom;
29. “ġenerazzjoni ta’ unità domestika” tfisser l-identifikazzjoni ta’ unità domestika privata skont il-kunċett ta’ min ikun resident fl-unità domestika kif definit fl-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2017/543 taħt is-suġġett “Stat ta’ unità domestika”;
30. “ġenerazzjoni ta’ familja” tfisser l-identifikazzjoni ta’ familja bbażata fuq informazzjoni dwar jekk il-persuni jgħixux fl-istess unità domestika, imma mingħajr informazzjoni jew informazzjoni mhux kompluta dwar ir-relazzjonijiet familjari bejniethom. It-terminu “familja” huwa speċifikat bħala n-“nukleu ta’ familja” fl-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2017/543 taħt is-suġġett “Stat ta’ familja”;
31. “unità bla informazzjoni” tfisser in-nuqqas ta’ għbir tad-dejta mingħand unità statistika li qiegħda fil-popolazzjoni taċ-ċensiment;
32. “kontroll ta’ żvelar statistiku” tfisser il-metodi u l-proċessi applikati sabiex jiġi minimizzat ir-riskju li tinkixef informazzjoni dwar unitajiet statistiċi individwali meta tiġi rilaxxata informazzjoni statistika;

33. “stima” tfisser il-kalkolu ta’ stimi statistiċi li jużaw formula matematika u/jew algoritmu applikat għad-dejta disponibbli;
34. “definizzjoni tal-istruttura tad-dejta” tfisser sett ta’ metadejta strutturali assoċjati ma’ sett ta’ dejta, li jinkludi informazzjoni dwar kif is-suġġetti jkunu assoċjati mal-miżuri, id-dimensjonijiet, u l-attributi ta’ iperkubu, flimkien ma’ kategorizzazzjonijiet u informazzjoni dwar ir-rappreżentanza tad-dejta u tal-metadejta deskrittiva relatata.

#### Artikolu 3

### Il-metadejta u r-rappurtar tal-kwalità

Sal-31 ta’ Marzu 2024 l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni (il-Eurostat) l-informazzjoni ġenerali u d-dejta relatata mal-kwalità u l-metadejta speċifikata fl-Anness ta’ dan ir-Regolament b’referenza għaċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar għas-sena ta’ referenza 2021 u għad-dejta u l-metadejta trażmessi lill-Kummissjoni (il-Eurostat) skont ir-Regolament (UE) 2017/712.

#### Artikolu 4

### Is-sorsi tad-dejta

Kull Stat Membru għandu jirrapporta dwar kull sors tad-dejta użat għall-ġbir tal-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 763/2008, b’mod partikolari sabiex:

- (a) jiġu ssodisfati l-karatteristiċi essenzjali elenkati fil-punt (i) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 763/2008;
- (b) tiġi rappreżentata l-popolazzjoni fil-mira;
- (c) issir konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti stabbiliti fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2017/543; u
- (d) isir kontribut għall-forniment ta’ dejta għall-programm tad-dejta statistika stabbilit fir-Regolament (UE) 2017/712.

#### Artikolu 5

### Aċċess għall-informazzjoni rilevanti

1. Meta titlobhom, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (il-Eurostat) aċċess għal kull informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-kwalità tad-dejta u tal-metadejta trażmessi skont ir-Regolament (UE) 2017/712.
2. B’konformità mal-paragrafu 1, l-Istati Membri ma għandhomx ikunu obbligati li jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) mikrodejta u dejta kunfidenzjali.

#### Artikolu 6

### Il-format tekniku għat-trażmissjoni tad-dejta

Il-format tekniku li għandu jintuża għat-trażmissjoni tad-dejta u l-metadejta għas-sena ta’ referenza 2021 għandu jkun il-format tal-Iskambju ta’ Dejta u Metadejta Statistiċi (SDMX) kif implimentat mill-pjattaforma taċ-ċensiment (“Census Hub”). L-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-dejta meħtieġa b’konformità mad-definizzjonijiet tal-istruttura tad-dejta u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi relatati pprovduti mill-Kummissjoni (Eurostat). L-Istati Membri għandhom jaħżnu d-dejta u l-metadejta meħtieġa sal-1 ta’ Jannar 2035, għal kull trażmissjoni futura mitluba mill-Kummissjoni (il-Eurostat).

#### Artikolu 7

### Emenda fir-Regolament(UE) Nru 1151/2010

Fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2010, it-tielet sentenza tinbidel b’dan li ġej:

“L-Istati Membri għandhom jaħżnu d-dejta u l-metadejta għas-sena ta’ referenza 2011 sal-1 ta’ Jannar 2035. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu obbligati li jagħmlu bidliet jew revizzjonijiet f’din id-dejta wara l-1 ta’ Jannar 2025. L-Istati Membri li jagħżlu jagħmlu dan għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (il-Eurostat) dwar il-bidliet jew ir-reviżjonijiet qabel ma jiġu implimentati.”

*Artikolu 8***Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Mejju 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

## ANNEX

**Il-kontenut u l-istruttura tar-rapporti tal-kwalità għat-trażmissjoni tad-dejta**

L-informazzjoni **testwali** u **kwantitattiva** tal-metadejta fir-rigward taċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar li saru fl-Istati Membri għas-sena ta' referenza 2021 tinkludi t-taqsimiet li ġejjin:

**1. ĦARSA ĠENERALI**

1.1. Il-kuntest ġuridiku

1.2. Il-korpi responsabbli

**2. IS-SORSI TAD-DEJTA**

2.1. Klassifika tas-sorsi tad-dejta skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 763/2008

2.2. Lista tas-sorsi tad-dejta użati għaċ-ċensiment tal-2021

2.3. Matriċi "Sorsi tad-dejta Suġġetti x"

2.4. L-adegwatezza tas-sorsi tad-dejta sa liema punt dawn jissodisfaw il-fatturi essenzjali (l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 763/2008).

2.4.1. *In-numerazzjoni individwali;*2.4.2. *Is-simultanjetà;*2.4.3. *L-universalità fi ħdan territorju definit;*2.4.4. *Id-disponibbiltà tad-dejta dwar żoni żgħar;*2.4.5. *Perjodiċità definita.***3. IĊ-ĊIKLU TAL-ĦAJJA TAĊ-ĊENSIMENT****3.1. Id-data ta' referenza**

L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-data ta' referenza lill-Kummissjoni (il-Eurostat) skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/712.

**3.2. It-thejjja u l-eżekuzzjoni tal-ġbir tad-dejta****3.2.1. Id-dejta bbażata fuq il-kwestjonarji**

- it-tfassil u l-ittestjar tal-kwestjonarji (inklużi l-kopji tal-kwestjonarji finali kollha);
- it-thejjja ta' kull lista tal-indirizzi, it-thejjja tal-ħidma fuq il-post, il-kartografija, il-pubbliċità;
- il-ġbir tad-dejta (inkluż il-ħidma fuq il-post);
- l-obbligu legali biex tinġabar l-informazzjoni, l-inċentivi biex tiġi pprovduta informazzjoni li tkun veritiera jew ir-raġunijiet possibbli biex tingħata informazzjoni falza.

**3.2.2. Id-dejta bbażata fuq ir-reġistri**

- il-ħolqien ta' reġistri ġodda mill-2011 'il quddiem (meta jkun applikabbli);
- it-tfassil mill-ġdid tar-reġistri eżistenti mill-2011 'il quddiem (inkluż il-bidliet fil-kontenuti tar-reġistri, l-adattament tal-popolazzjoni taċ-ċensiment, l-adattament tad-definizzjonijiet u/jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi) (meta jkun applikabbli);

- iż-żamma tar-reġistri (għal kull reġistru użat għaċ-ċensiment tal-2021), inkluż
  - il-kontenut tar-reġistru (l-unitajiet statistiċi u informazzjoni dwarhom, kull editjar tar-rekords u/jew imputazzjoni ta' partita u ta' rekord fir-reġistru),
  - ir-responsabbiltajiet amministrattivi,
  - l-obbligu legali biex tiġi rreġistrata l-informazzjoni, l-inċentivi biex tiġi pprovduta informazzjoni li tkun veritiera u r-raġunijiet possibbli biex tingħata informazzjoni falza,
  - id-dewmien fir-rappurtar, b'mod partikolari d-dewmien legali/uffiċjali, id-dewmien għar-reġistrazzjoni tad-dejta, ir-rappurtar tardiv,
  - il-valutazzjoni ta' u r-regolazzjoni għall-każijiet ta' nuqqas ta' reġistrazzjoni, nuqqas ta' direġistrazzjoni u ta' reġistrazzjoni multipla,
  - kull reviżjoni ewlenija tar-reġistri jew aġġornament ta' rekords li jaffettwaw id-dejta taċ-ċensiment tal-2021, il-perjodiċità tar-reviżjonijiet tar-reġistri,
  - l-użu, inkluż l-“użu statistiku tar-reġistru mhux għall-finijiet taċ-ċensiment” u l-“użu tar-reġistru mhux għal finijiet statistiċi (eż. għal finijiet amministrattivi)”;
- it-tqabbil u t-tagħqid tar-reġistri (inkluż l-identifikatur(i) użat(i) għat-tagħqid tar-rekords);
- l-estrazzjoni tad-dejta.

### 3.2.3. *Id-dejta miġbura b'kampjun*

Għas-suġġetti li l-informazzjoni dwarhom ingābret b'kampjun, il-metadejta għandu jkun fiha wkoll deskrizzjonijiet:

- tat-tfassil tat-teħid tal-kampjuni,
- tal-metodoloġija użati għal xi stimi, mudelli jew imputazzjonijiet,
- tad-distorsjonijiet possibbli fl-istima minħabba l-metodoloġija applikati,
- tal-formuli u l-algoritmi użati biex jiġi kkalkulat l-iżball standard.

### 3.2.4. *Id-dejta miġbura b'metodi kkumbinati (id-dejta bbażata fuq aktar minn tip wieħed ta' sors tad-dejta)*

Għas-suġġetti li l-informazzjoni dwarhom ingābret b'metodi kkumbinati, il-metadejta għandu jkun fiha wkoll:

- deskrizzjoni tal-metodi (it-tipi tas-sorsi tad-dejta użati u kif l-informazzjoni mingħand sorsi differenti ġiet ikkumbinata, kif id-diversi sorsi u metodi użati jikkumplementaw u jappoġġaw lil xulxin u, jekk applikabbli, liema partijiet tal-popolazzjoni kienu koperti minn liema sors),
- kull kwistjoni oħra tal-kwalità marbuta mal-proċess tal-użu ta' metodi kkumbinati.

## 3.3. **L-ipproċessar u l-evalwazzjoni**

3.3.1. L-ipproċessar tad-dejta (inkluż il-qbid, il-kodifikazzjoni, l-identifikazzjoni tal-varjabbli, l-editjar tar-rekords, l-imputazzjoni tar-rekords, it-tħassir tar-rekords, l-istima, it-tagħqid tar-rekords inkluż l-identifikazzjoni tal-varjabbli użat(i) għat-tagħqid tar-rekords, il-ġenerazzjoni tal-unitajiet domestiċi u tal-familji, il-miżuri biex tiġi identifikata u limitata unita bla informazzjoni);

3.3.2. L-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-kopertura, il-metodoloġija biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' rispons, l-istħarriġ(iet) postnumerazzjoni (meta jkun applikabbli), il-validazzjoni tad-dejta finali: il-metodu tal-valutazzjoni tas-sottokopertura u tas-soprakopertura, inkluż l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-istimi tas-sottokopertura u tas-soprakopertura.

3.4. **It-tixrid** (il-kanali tat-tixrid, l-iżgurar tal-kunfidenzjalità statistika inkluż il-kontroll tal-iżvelar statistiku)

3.5. **Miżuri li jiżguraw il-kosteffettività**

#### 4. VALUTAZZJONI TAL-KWALITÀ TAD-DEJTA

##### 4.1. Il-komparabbiltà

Għal kull suġġett, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dwar kull devjazzjoni mill-kunċetti u d-definizzjonijiet meħtieġa jew kull prassi fl-Istat Membru li tista' xxekkel il-komparabbiltà tad-dejta fil-livell tal-UE.

Għas-suġġett "Stat ta' attività attwali", l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dwar kull metodu tal-istima li ntuża biex id-dejta tiġi aġġustata bil-għan li tiġi rispettata aktar id-definizzjoni stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/543. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dwar kemm is-sorsi tad-dejta u kull metodu tl-istima li jintuża jwassal għal devjazzjoni mid-definizzjoni ta' "Stat ta' attività attwali" stabbilita f'dak ir-Regolament.

##### 4.2. It-tempestività u l-puntwalità

Fil-livell nazzjonali għandha tingħata din l-informazzjoni li ġejja:

- id-data/i kalendarja/i tat-trażmissjoni tad-dejta lill-Kummissjoni (il-Eurostat), imqassma permezz ta' iperkubi;
- id-data/i tar-reviżjoni(jiet) ewlenin tad-dejta trażmessa, imqassma permezz ta' iperkubi;
- id-data/i kalendarja/i tat-trażmissjoni tal-metadejta.

Fil-każ ta' reviżjonijiet ewlenin mill-1 ta' April 2024, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw id-data(i) rispettiva/i separatament lill-Kummissjoni (il-Eurostat) fi żmien ġimgħa.

##### 4.3. Il-koerenza

L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dwar kull inkonsistenza sinifikanti bejn id-dejta trażmessa fis-settijiet differenti tad-dejta kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/712.

##### 4.4. Il-kopertura u l-preċiżjoni

Biex tindika l-kopertura, għandhom jiġu pprovduti dawn **il-valuri assoluti** li ġejjin għall-għadd tal-persuni fil-livell nazzjonali u għandhom jiġu diżaggregati skont is-sess u l-gruppi ġenerali tal-etajiet kif definit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/543:

- (a) il-popolazzjoni taċ-ċensiment;
- (b) in-numru totali ta' imputazzjonijiet tar-rekords;
- (c) in-numru totali ta' tħassir tar-rekords;
- (d) is-sottokopertura (stima);
- (e) is-soprakopertura (stima);
- (f) l-istima tal-popolazzjoni fil-mira.

Għall-valutazzjoni tal-preċiżjoni għandhom jiġu pprovduti dawn **il-valuri assoluti** li ġejjin għall-għadd tal-persuni fil-livell nazzjonali u għandhom jiġu diżaggregati skont is-sess u l-gruppi ġenerali tal-etajiet kif definit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/543:

- (a) il-popolazzjoni taċ-ċensiment;
- (b) l-għadd ta' rekords tad-dejta osservati fuq is-suġġett, derivati miċ-ċensiment tradizzjonali;
- (c) l-għadd ta' rekords tad-dejta osservati fuq is-suġġett, derivati mir-reġistri amministrattivi;
- (d) l-għadd ta' rekords tad-dejta osservati fuq is-suġġett, derivati minn sħarriġiet kumpjunarji;
- (e) l-għadd ta' rekords tad-dejta osservati dwar is-suġġett, derivati minn sorsi tad-dejta multipli;
- (f) is-sett komplementari ta' unitajiet statistiċi dwar is-suġġett (għall-kampjuni);
- (g) in-numru ta' osservazzjonijiet imputati dwar is-suġġett;
- (h) in-numru ta' rekords b'informazzjoni nieqsa dwar is-suġġett.



Il-valuri assoluti ta' hawn fuq għall-valutazzjoni tal-precizzjoni għandhom jiġu pprovduti għas-suġġetti taċ-ċensiment li ġejjin:

- (a) Stat Ċivili *De Iure* (LMS);
- (b) Stat ta' familja (FST);
- (c) Stat ta' unità domestika (HST);
- (d) Stat ta' attività attwali;
- (e) Professjoni (OCC);
- (f) Industrija (IND);
- (g) Status fl-impjieġ (SIE);
- (h) Lok tal-post tax-xogħol (LPW);
- (i) Livell edukattiv milħuq (EDU);
- (j) Pajjiż/Post tat-twelid (POB);
- (k) Pajjiż taċ-ċittadinanza (COC);
- (l) Sena tal-wasla fil-pajjiż mill-2010 'l quddiem (YAT);
- (m) Sena tal-wasla fil-pajjiż mill-1980 'il quddiem (YAE);
- (n) Residenza abitwali sena qabel iċ-ċensiment (ROY);
- (o) Arranġamenti ta' akkomodazzjoni (HAR).

#### 4.5. **Il-kompletezza**

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar il-livell ta' kompletezza tad-dejta ftermini tar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 763/2008. Dawn għandhom jagħtu dettalji fuq is-suġġetti taċ-ċensiment u t-tqassim assoċjat li għalihom ma hemmx dejta pprovduta.

#### 4.6. **Ir-rilevanza**

Fil-livell tal-Unjoni għandha tingħata din l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-azzjonijiet li ttieħdu biex jiġu identifikati u ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti;
  - (b) il-monitoraġġ tal-livell tal-estrazzjonijiet tad-dejta.
-